**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tas-7 ta' Marzu 2019 — Il-Kummissjoni Ewropea vs Alain Laurent Brouillard**

**(Kawża C-728/17 P)** [1]

***(Appell — Servizz Pubbliku — Reklutaġġ — Kompetizzjoni — Kundizzjonijiet għall-ammissjoni fil-kompetizzjoni — Diplomi u livell ta' tagħlim meħtieġ — Kompetizzjoni Ġenerali EPSO/AD/306/15 — Għażla minn qabel ta' kandidati fuq fajl — Livell ta' tagħlim li jikkorrispondi għal formazzjoni legali kompleta segwit fi stabbiliment ta' tagħlim superjuri Belġjan, Franċiż jew Lussemburgiż — Diploma ta' masters 2 fil-liġi, fl-ekonomija, fil-maniġment, issemmi dritt privat, speċjalità Ġurist-Lingwist — Ħruġ wara "validazzjoni tal-akkwist tal-esperjenza" — Ċaħda tal-kandidatura)***

(2019/C 148/06)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Appellanti:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: P. Mihaylova u G. Gattinara, aġenti)

*Parti oħra fil-proċedura:* Alain Laurent Brouillard (rappreżentant: H. Brouillard, avukat)

**Dispożittiv**

1) L-appell huwa miċħud.

2) Il-Kummissjoni Ewropea hija kkundannata għall-ispejjeż.

[1] ĠU C 112, 26.3.2018.

---

**Appell ippreżentat fit-13 ta' Ġunju 2018 minn Mauro Bettani mid-digriet mogħti mill-Qorti Ġenerali (Is-Sitt Awla) fl-24 ta' April 2018, fil-Kawża T-80/18, Bettani vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża C-392/18 P)**

(2019/C 148/07)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

**Partijiet**

*Appellant:* Mauro Bettani (rappreżentant: M. Bettani, avvocato)

*Parti oħra fil-proċedura:* Il-Kummissjoni Ewropea

B'digriet tas-7 ta' Marzu 2019, il-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) ċaħdet l-appell u ordnat lil Mauro Bettani jbati l-ispejjeż tiegħu.